MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2015

Numru. 378/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Elaine Rapinett**

**(ID 115684(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Elaine Rapinett, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 115684(M);

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fit-28 ta' Jannar 2007 u fil-jiem ta' qabel din id-data:

a) Talli bhala persuna detenuta gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin minghajr l-awtorita` legittima dahhlet jew ippruvat iddahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs, u cioe` fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, oggetti jkunu li jkunu u specifikatament medicina perikoluza (droga eroina), liema oggett huwa projbit u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1) u (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti maghmula taht l-istess ligi;

b) Ukoll talli ttentat taghmel reat kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew hajjret jew geghlet persuna/i ohra jaghmlu dak ir-reat u cioe` lil Charlotte Vella u lil Juanita Grech bi ksur tal-Artikolu 22(5) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Kellha fil-pussess taghha d-droga erojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta, li tforni d-droga u minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellha licenzja jew kienet xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni ta' l-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex dan il-kaz jinstema' minn din il-Qorti, bhala Qorti ta' Gudikatura

Kriminali, kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat illi fis-seduta tal-21 ta’ Mejju 2014, l-imputata irregistrat ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatha bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkonceditilha zmien bizzejjed biex terga’ tikkonsidra t-twegiba u terga’ lura minnha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi minkejja l-ammissjoni taghha f’dawn il-proceduri ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha, jirrizulta illi l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet huma preskritti ai termini tal-Artikolu 688(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fil-waqt illi dawn l-imputazzjonijiet jirreferu ghat-28 ta’ Jannar 2007 u ghall-jiem ta’ qabel din id-data, l-akkuzi regghu gew moqrija u kkonfermati bil-gurament mill-Ufficjal Prosekutur fil-21 ta’ Mejju 2014 u ghalhekk izjed minn hames snin mid-data li ghaliha jirreferu dawn l-imputazzjonijiet. Ghaldaqstant jirrizulta car illi l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet huma preskritti.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, l-Artikolu 22(5) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid hekk:

“*Kull min jittenta jaghmel reat kontra din l-Ordinanza, jew ihajjar jew igieghel persuna ohra taghmel dak ir-reat, jehel meta jinstab hati, minghajr pregudizzju*

*ta' kull responsabbilta` ohra, l-istess piena u konfiska daqs li kieku kkommetta reat taht din l-Ordinanza."*

Skond it-tieni imputazzjoni, fil-fatt l-imputata giet akkuzata talli hija ttentat taghmel reat kontra l-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew hajjret jew gieghlet persuna jew persuni ohrajn jaghmlu dak ir-reat u cioe` lil Charlotte Vella u lil Juanita Grech, bi ksur tal-imsemmi artikolu. Jirrizulta mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u fl-ewwel lok mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputata fis-27 ta' Jannar 2007[1], illi hija kienet talbet lil Charlotte Vella u lil Juanita Grech sabiex idahhlulha d-droga eroina gewwa l-habs u dan billi jpoggu d-droga eroina fl-ikel. Fil-fatt jirrizulta mill-atti illi nhar it-26 ta' Jannar 2007, waqt tfittxija fl-ikel li kien ittiehed gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin minn Juanita Grech, instab tubu tal-kartun mimli bi trab kannella, suspettat droga eroina, gewwa banana. Ghalkemm ghall-ewwel Juanita Grech qalet li dak l-ikel kien intiz ghal detenuta ohra, certu Philienne Ceci, l-imputata tammetti fl-istqarrija taghha illi kienet hija stess li qalet lil Juanita Grech sabiex tghid li l-ikel kien ghal Ceci u dan ghaliex fil-waqt illi Ceci setghet tircievi ikel minn barra l-habs kuljum, hija setghet tircievi ikel minn barra biss nhar ta' Sibt u nhar ta' Hadd. Il-kontenut tal-istqarrija tal-imputata gie kkonfermat ukoll minn Juanita Grech, fl-istqarrija guramentata taghha, fejn hija wkoll ikkonfermat illi kienet l-imputata li talbitha ddahhal l-eroina gewwa l-habs, li kienet Charlotte Vella li ppreparat id-droga fil-banana, fil-waqt illi hija ppruvat iddahhalha fil-habs.[2] Skond l-istess imputata, hija talbet lil Charlotte Vella sabiex iggibilha zewg grammi eroina, li din kienet l-ewwel darba li ppruvat iddahhal id-droga gewwa l-habs u li hija kien behsiebha taghti minn din id-droga lil haddiehor, fil-waqt illi l-bqija kien ghaliha.[3] Jirrizulta wkoll illi t-trab ta' lewn kannella li kien jikkontjenti s-sustanza eroina, misjub fl-ikel li ppruvat iddahhal Juanita Grech ghall-imputata kellu piz nett ta' 2.09 grammi, b'purita` ta' cirka 35%.[4]

[1] A fol. 147 *et seq* tal-process.
[2] A fol. 52 *et seq* tal-process.
[3] A fol. 148 tal-process.
[4] Ara relazzjoni a fol. 129 *et seq* tal-process, kif ikkonfermatha mill-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut fix-xhieda tieghu a fol. 189 *et seq* tal-process.

Jirrizulta ampjament ghalhekk, anke fuq ammissjoni tal-istess imputata fl-istqarrija taghha, illi kienet hija li hajjret lil Charlotte Vella u lil Juanita Grech sabiex idahhlulha d-droga eroina gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u konsegwentement hajjrithom sabiex jittraffikaw id-droga eroina u dan billi jghaddulha l-istess droga gewwa l-habs. Ai termini tal-Artikolu 22(5) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ghaldaqstant, l-imputata rrendiet ruhha passibbli ghall-istess piena daqs li kieku kkommettiet hija stess ir-reat ta' traffikar ta' droga eroina.

Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi u anke fid-dawl tal-ammissjoni taghha f'dawn il-proceduri, il-Qorti qed issib lill-imputata hatja tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra taghha.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qieset fl-ewwel lok illi l-ammissjoni tal-imputata kienet wahda bikrija u li hija mill-ewwel ikkoperat mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha. Qieset ukoll mil-banda l-ohra, l-fedina penali aggornata tal-imputata, liema fedina penali hija wahda ferm refrattarja u tinkludi *inter alia* kundanni dwar serq semplici u aggravat, ricettazzjoni, li kkagunat feriti ta' natura hafifa, frodi, reati kontravvenzjonali, ksur ta' kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest, pussess semplici tad-droga eroina, kokaina u raza tal-*cannabis* u traffikar tad-droga eroina f'zewg okkazzjonijiet, dwar liema l-imputata inghatat liberazzjoni kundizzjonata (fi tlett okkazzjonijiet), Ordni ta' *Probation* (f'zewg okkazzjonijiet), sentenza ta' prigunerija sospiza (f'zewg okkazzjonijiet), varji pieni pekunjarji li whud minnhom gew konvertiti fi prigunerija u varji sentenzi ta' prigunerija effettiva (f'sitt okkazzjonijiet).

Qieset ukoll illi d-droga eroina involuta f'dan il-kaz kienet tikkonsisti fi trab b'piz nett totali ta' 2.09 grammi, b'purita` ta' cirka 35% u illi l-imputata fil-fatt kienet talbet li tingibilha 2 grammi droga eroina.

Qieset ukoll illi fiz-zmien tar-reat in kwistjoni, l-imputata kienet tinsab detenuta gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, u ghaldaqstant japplikaw fil-konfront taghha d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi illi l-piena ghar-reat fil-kaz ta' sejbien ta' htija, ghandha tizdied bi grad jew tnejn.

Ikkunsidrat ukoll mill-banda l-ohra, ix-xhieda ta' Marietta Lanzon[5] tas-6 ta' Ottubru 2014, li spjegat illi l-imputata ilha sitt snin gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u li b'konsegwenza ta' dan hija giet istitutjonalizzata. Qalet li hija kienet ilha ssegwi lill-imputata mis-sena 2009, li segwietha regolarment sas-sena 2012 u li kull meta tmur il-habs minn dak iz-zmien baqghet izzurha. Skond ix-xhud, jidher illi l-imputata qeghda tiehu hsieb sahhitha u anke tmur il-*gym* gewwa l-habs. Qalet ukoll illi l-imputata ghandha bzonn l-ghajnuna biex ma tergax taqa' ghall-hajja ta' kriminalita` u sabiex ikollu pjan u struttura la darba terga' lura fis-socjeta`. Qalet illi l-imputat m'ghandhiex fejn tirrisjedi la darba tigi rilaxxjata mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u li hija anke nfurmat b'dan lid-dirigenti tal-habs sabiex jippruvaw jghinuha. Xehdet ukoll il-Maggur Maria Vassallo[6] li qalet illi hija ilha tahdem direttament mal-imputata ghal dawn l-ahhar hames snin, li ghamlet progress fl-attitudni taghha u anke tgawdi l-fiducja tal-awtoritajiet tal-habs, kif jidher mix-xoghol u l-irwolijiet li hija tinghata gewwa l-habs. Ix-xhud WCO12 Isabelle Pace[7] xehdet illi erba' kampjuni tal-urina li ttiehdu lill-imputata minn Awwissu 2013 'il quddiem, irrizultaw fin-negattiv ghal sustanzi lleciti.

Qieset ukoll is-sottomissjoni tal-Ufficjal Prosekutur fit-trattazzjoni tieghu dwar il-piena, fis-sens illi in vista tal-kambjament u l-progress li ghamlet l-imputata, hija ghandha tinghata piena karcerarja fil-minimu.

[5] A fol. 199 *et seq* tal-process.
[6] A fol. 203 *et seq* tal-process.
[7] A fol. 207 *et seq* tal-process.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u 22(5) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101. 02, l-Artikoli 7(1) u (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni qed issib lill-imputata hatja tat-tieni imputazzjoni (imputazzjoni (b)) migjuba kontra taghha u tikkundannaha ghall-piena ta' **hdax-il xahar (11) prigunerija effettiva** u **multa ta' tminn mitt Euro (€800)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' tletin Euro (€30), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hatja tiskonta l-piena li qeghda b'din is-sentenza tigi erogata u ghal dan il-ghan, ir-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hatja tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Fir-rigward tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet (immarkati bhala imputazzjonijiet (a) u (c)), il-Qorti qeghda tiddikjara l-azzjoni kriminali bhala preskritta u ghaldaqstant estinta u dan wara li rat l-Artikolu 688(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hatja ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatriet tal-esperti nominati fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta relevanti ghat-tieni imputazzjoni u cioe` l-ispejjez relatati mar-relazzjoni tal-espert Vincent Ciliberti, ammontanti ghas-somma ta' mitejn, disgha u hamsin Lira Maltin u sittin centezmu (Lm259.60), ekwivalenti ghal sitt mija u erba' Euro u sebghin centezmu (€604.70), l-ispejjez relatati mar-relazzjoni ta' PC 1525 Patrick Farrugia, ammontanti ghas-somma ta' disa' Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm9.50), ekwivalenti ghal tnejn u ghoxrin Euro u tlettax-il centezmu (€22.13), u l-ispejjez relatati mar-relazzjoni tal-espert Godwin Sammut ammontanti ghas-somma ta' tlieta u sebghin Lira Maltin u

sittax-il centezmu (Lm73.16), ekwivalenti ghal mija u sebghin Euro u tnejn u erbghin centezmu (€170.42), b'kollox ammontanti ghas-somma ta' seba' mija, sebgha u disghin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€797.25). Dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu fi zmien tmintax-il xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hatja tonqos li thallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien liha preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga li tinsab esebita fl-atti tal-process verbal redatt mill-Magistrat (illum Imhallef) Dr. Michael Mallia in konnessjoni ma' dan il-kaz, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tirrileva u tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs dwar il-fatt illi huwa ferm importanti illi l-hatja tinghata l-ghajnuna kollha possibbli sabiex tigi indirizzata l-problema taghha ta' nuqqas ta' akkomodazzjoni residenzjali bil-ghan li tigi facilitata l-integrazzjoni taghha fis-socjeta` la darba tigi rilaxxjata mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

Tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

## < Sentenza Finali >

----------------------------------TMIEM----------------------------------